MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Numru. 141/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Etienne Paul Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Etienne Paul Mifsud ta' 31 sena, bin John u Anna nee' Borg, imwieled fl-24 ta' Lulju 1976 u residenti 86, Flat 4, Triq ta' Mellu, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 421576(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-28 ta' Novembru, 2007, ghall-habta ta' 9.00 a.m., fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar, saq vettura Nru. EBJ-029 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas

ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antonio Micallef skond kif iccertifika Dr. Melvin D'Anastasi M.D. ta' M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta' Novembru, 2011 (esebita a fol. 137 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2011, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-kaz de quo jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Novembru, 2007 ghall-habta tad-9.00 a.m. fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Bahar fejn waqt li l-imputat kien qed jirriversja bil-vann bin-numru tar-registrazzjoni EBJ 029 huwa tajjar lil ragel anzjan li kien qed jaqsam minn wara l-vann u kkagunalu griehi ta' natura gravi.

L-allegat vittma xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2010 fejn huwa spjega li kien ghaddej minn fuq bankina ta' triq laterali u ra vann abjad niezel u jasal sa tarf it-triq. Huwa jghid li ried jaqsam it-triq laterali u ra l-vann jieqaf fit-tarf tat-triq u hasbu ried johrog ghal fuq il-*main road*. Huwa qal li stenna ghaliex haseb li l-vann

ried johrog fuq il-*main road* u dan peress li kien wieqaf fuq *double yellow line* bil-parti ta’ quddiem tal-vann sporguta fuq il-*main road* u meta ra li kien ser idum jistenna ddecida li jaqsam u malli nizzel saqajh minn fuq il-bankina sab ruhu mal-art. Antonio Micallef jghid li huwa qasam minn wara l-vann u li dan laqtu bil-parti ta’ wara tieghu ghaliex irriversja. Huwa jghid li bhala konsegwenza tal-incident sofra griehi f’ghajnejh u fi spalltu u ghamel jumejn l-Isptar izda mbaghad ma regghax mar ghall-appuntamenti fl-*outpatients*. Huwa qal li kien qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat. In kontro-ezami Micallef qal li ma ndunax li l-vann ried jirriversja sabiex jidhol fil-*loading bay* li kien hemm quddiem il-hanut fil-kantuniera tat-triq.

L-imputat xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ Marzu, 2012 fejn qal li huwa kien qed jirriversja sabiex jidhol *f’loading bay* li kien hemm quddiem *hardware store* li hemm fil-kantuniera ta’ Triq Ramon Perellos, il-Qawra, meta sema’ xi nies jghajtu u jghidulu jieqaf ghaliex kien laqat lil xi hadd u meta waqaf huwa ra ragel anzjan mal-art. Huwa jghid li lil Micallef ma kienx rah ghaliex qasamlu minn wara l-vann u jsostni li qabel ma beda’ jirriversja huwa kien hares fil-mirja tal-gnub tal-vann u ma ra xejn. In kontro-ezami huwa cahad li kien qed jirriversja waqt li kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone* kif indika Micallef lil Pulizija u kif hemm indikat fl-okkorrenza.

Ikkunsidrat :

Illi fin-nota tieghu tal-10 ta’ Novembru, 2011 l-Avukat Generali ndika li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 226(1), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll fl-Artikolu 15 tal-Kap. 65 ta-Ligijet ta’ Malta. Jibda’ sabiex jinghad li dwar in-natura tal-griehi rrizulta mill-provi li dawn kienu ta’ natura gravi ghalkemm ma kellhomx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Mill-provi fil-fatt irrizulta li Antonio Micallef kellu frattura fi spalltu u griehi f’ghajnejh u li huwa nghata appuntament ghall-*outpatient* ghal sitt gimghat wara li gie rikoverat l-Isptar ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li huwa effettivament mar ghal dan l-appuntament. Micallef xehed

li dam bl-ugiegh f'spalltu u idejh ghal aktar minn sena wara l-incident. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-griehi sofferti mill-allegat vittma kienu fil-parametri tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi dwar responsabilita' ghall-incident il-Qorti jidrilha li kien hemm element ta' kontributorjeta' da parti tal-*pedestrian* li ghazel li jaqsam it-triq minn wara vann li kien wieqaf izda startjat meta huwa seta' jiprezumi li s-sewwieq kien ser jersaq lura sabiex jidhol fil-*loading bay*. Il-Qorti izda jidrilha li kien hemm ukoll element ta' traskuragni da parti tal-imputat li ghamel manuvra ta' *reverse* liema manuvra titqies bhala wahda straordinarja minghajr ma zamm '*a proper lookout*' u minghajr ma ezercita il-kawtela necessarja sabiex b'hekk huwa ma rax lil Micallef li kien wieqaf fuq il-bankina qed jistenna sabex jaqsam. Micallef jghid li huwa stenna zewg minuti sabiex jara x'kien ser jaghmel il-vann qabel ma qasam u ghalhekk kieku effettivament l-imputat hares fil-mera tal-gemb huwa seta' jara lil Micallef u ma kienx jibda' jirriversja qabel ma jaccerta ruhu li l-istess *pedestrian* qasam jew altrimenti fehem l-intenzjoni tieghu li jirriversja. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat u Antonio Micallef jistghu jitqiesu li bl-agir taghhom kkontribwew b'mod ugwali (50-50) ghall-akkadut. Il-Qorti ghalhekk tqies is-sewqan tal-imputat bhala traskurat u mhux perikoluz.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li kien hemm element sostanzjali ta' negligenza kontributorja da parti tal-vittma ghall-akkadut u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat qed jinstab hati ta' sewqan traskurat izda mhux perikoluz. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser timponi piena pekunjarja u m'hijiex ser timponi skwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-10 ta' Novembru, 2011 u senjatament l-Artikoli 17, 31 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------